# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-27 ta' Gunju, 2017**

**Rikors Numru 1159/2012 SM**

**Lawrence Cuschieri (I.D. 97471 M),**
**Renato Abela (I.D. 369863 M), u**
**David Caruana (I.D. 746658 M)**

**vs.**

1. **Direttur Generali (Ufficju tar-Rizorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika);**

2. **Direttur (Finanzi u Amministrazzjoni) tad-Dipartiment tal-Pulizija; u**

3. **Il-Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-21 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti, *tramite* r-rikorrenti Caruana, sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi huma jipprestaw is-servizzi taghhom bhala Ufficjali tal-Imigrazzjoni fi hdan is-servizz pubbliku, (ara foll 1):

1.2. Illi tali servizz jaqa` direttament taht ir-responsabbilita` diretta tal-intimati;

1.3. Illi a bazi ta' Cirkolari mahruga mill-Ufficcju tal-Prim Ministru Numru 34/97, hemm impost li bhala parti mill-kundizzjonijiet tax-xoghol taghhom ir-rikorrenti huma prekluzi milli javvanzaw ghal skala salarjali ghola minn dik numru erbatax, (14), ghalkemm fl-istess hin jibqghu jokkupaw il-posizzjoni ta' Ufficjali tal-Imigrazzjoni, (ara foll 5);

1.4. Illi *nonostante* dan impjegati ohra li jaghmlu l-istess xoghol ma gewx hekk ristretti u thallew javvanzaw ghal grad ghola minn 14, u baqghu jokkupaw il-posizzjoni ta' Ufficcjali tal-Imigrazzjoni;

1.5. Illi tali distinzjoni bejn ir-rikorrenti u impjegati ohra hi illegittima u abbuziva *stante* li tippregudika lir-rikorrenti u tikkagunalhom danni;

1.6. Illi ghalkemm l-intimati gew interpellati biex jittrattaw lir-rikorrenti bl-istess mod li jittrattaw impjegati ohra, u biex jghaddu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni, dawn baqghu inadempjenti;

1.7. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex l-intimati jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom, applikaw selettivament ir-restrizzjoni imposta minnhom li Ufficcjali tal-Imigrazzjoni ma jistghux javvanzaw ghal grad ghola minn 14 u jibqghu jokkupaw il-posizzjoni t'Ufficcjal tal-Imigrazzjoni;

1.7.2. Tiddikjara li m'hemm l-ebda raguni li tipprekludi lir-rikorrenti milli javvanzaw ghal grad ghola minn 14 bhal impjegati ohra fil-posizzjoni t'Ufficcjal tal-Imigrazzjoni;

1.7.3. Tiddikjara lill-intimati responsabbli ghat-telf ta' qligh li r-rikorrenti sofrew minhabba r-rifjut tal-intimati li jippermethulhom javvanzaw ghal Skala salarjali ghola minn 14;

1.7.4. Tillikwida l-kumpens relattiv ghat-telf ta' qligh soffert mir-rikorrenti, rapprezentanti d-differenza fis-salarji bejn Skala salarjali 14 u skali ghola, li r-rikorrenti ma rcevewx minhabba l-agir illegittimu u abbuziv tal-intimati;

1.7.5. Tikkundanna lill-istess intimati, jew min minnhom, ihallsu lir-rikorrenti l-kumpens hekk likwidat;

1.7.6. Bl-ispejjez kif dedotti kontra l-intimati;

1.8. B'riserva ghal kull azzjoni ohra fil-ligi;

2. Rat id-digriet taghha datat id-29 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh ghad-data hemm indikata, (ara foll 8);

3.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimati li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

3.1. Illi l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-impjieg tar-rikorrenti bhala Ufficcjali tal-Imigrazzjoni fis-servizz pubbliku klienu indikati b'mod car u inekwivoku fic-cirkolari li tahta kienu applikaw ghal dan l-impjieg;

3.2. Illi l-kundizzjonijiet hemm elenkati kienu gew accettati *in toto* mir-rikorrenti hekk kif assumew l-imsemmija kariga;

3.3. Illi s-sitwazzjoni tar-rikorrenti mhix paragunabbli ma dik tal-impjegati l-ohra li jirreferu ghalihom fir-rikors promotur *stante* li l-gradi tal-impjegati l-ohra jaqghu taht kategorija

differenti koperta bi ftehim li jimponi kundizzjonijiet differenti;

3.4. Illi ghalhekk kuntrarjament ghal dak insinwat mir-rikorrenti m’hemm l-ebda distinzjoni illegittima u abbuziva bejn ir-rikorrenti u impjegati ohra;

3.5. Illi konsegwentement ir-rikorrenti bl-ebda mod ma gew ippregudkati;

3.6. Illi allura l-intimati m’ghandhomx jirrispondu ghad-danni allegati mir-rikorrenti *stante* li ma kkawzaw l-ebda danni;

3.7. Bl-ispejjez;

3.8. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha datat it-12 t’Ottubru, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw din il-procedura bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 201);

5. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti datat t-28 ta’ Novembru, 2016, (ara foll 202), u dik tal-intimati datata l-31 ta’ Jannar, 2017, (ara foll 209);

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti pprezentanti *in atti* flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati ipprezentati mill-partijiet;

8. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-intimati tittrattaw il-kaz b’mod finali, bir-rapprezentanti legali tar-rikorrenti jonqsu li jidhru biex jittrattaw il-kaz oralment fl-udjenza appozittivament riservata ghal dan il-ghan, (ara foll 220);

9. Rat ir-rikors datat it-13 ta’ Gunju, 2017, (ara foll 226), li permezz tieghu l-intimati talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza fid-data gia` prefissata;

10. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-partijiet fir-rigward datat l-14 ta’ Gunju, 2017, (ara foll 228);

11. Tirrileva li l-kawza thalliet ghas-sentenza indikata fl-istess digriet datat l-14 ta' Gunju, 2017, (ara foll 228);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi tenut kont tas-suespost, il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

**A. Ir-Rikorrenti:**

12.1. Illi r-rikorrenti jokkupaw il-kariga ta' Ufficjali tal-Imigrazzjoni fi hdan is-Servizz Pubbliku;

12.2. Illi c-cirkolari mahruga mill-Ufficcju tal-Prim Ministru Numru 34/97, (ara foll 5 u ahjar a foll 37), li tirregola l-ingagg tar-rikorrenti fi hdan is-Servizz Pubbliku, tispecifika s-segwenti fil-klawsola numru 6 taghha:

> "Selected officers will be expected to serve as civilian Immigration Officers in the Police Department for a minimum period of three years. However, officers may at any time be relieved of their duties of Immigration Officers at the sole discretion of Government and transferred to other duties in their substantive grade in any other Department. Selected officers who are subsequently appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 14 will, likewise, be expected to relinquish the duties of Immigration Officer and transferred to duties pertinent to their new grade";

12.3. Illi aktar minn hekk il-klawsola numru 4 tistipula s-segwenti:

> "Applicants must be serving Government employees who hold an appointment in a grade with a Salary Scale not higher than Scale 14";

12.4. Illi l-klawsola numru 5 tal-istess Cirkolari in dizamina tistipula s-segwenti:

"Selected officers will retain their substantive grade but, during the time they are serving as Immigration Officers, they will be paid an allowance equivalent to the difference between the salary to which they are entitled in virtue of their substantive grade and the maximum of Salary Scale 14 ...";

12.5. Illi konsegwentement min kien hekk impjegat u jokkupa l-imsemmija kariga kien ristrett milli javvanza ghal grad ghola minn Skala 14;

12.6. Illi min kien sussegwentement allura javvanza ghal grad ghola minn dak stipulat fl-imsemmija cirkolari kien mistenni li jirrinunzja mid-doveri teighu t'Ufficjal tal-Imigrazzjoni u jigi trasferit ghal doveri ohra fi grad gdid;

12.7. Illi r-rikorrenti jsosstnu li ghalkemm uhud mill-Ufficjali tal-Imigrazzjoni qabzu l-Iskala 14 fi hdan is-Servizz Civili, dawn baqghu jokkupaw il-kariga ta' Ufficjal tal-Imigrazzjoni;

12.8. Illi ghalhekk jirrizulta li inholqot sitwazzjoni li hemm uhud mill-Ufficjali *de quo* li qabzu l-iskala in dizamina, u ohrajn li jekk jaqbzugha, jigu trasferiti ghal doveri ohra fi hdan is-Servizz Civili, (ara foll 25), u konsegwentement, il-grupp tal-ewwel ikollhom paga aktar minn dawk li jibqghu Ufficjali tal-Imigrazzjoni li gew ingaggati bis-sejha tac-Cirkolari fuq riferita;

12.9. Illi r-rikorrenti qeghdin hawn isosstnu li din il-kundizzjoni giet applikata biss fil-konfront taghhom u mhux fil-konfront ta' Ufficjali ohra u allura, jirrizulta li hemm ufficjali li jaqbzu l-iskala 14 in dizamina u zammew il-kariga *de quo* bi ksur tac-Cirkolari in kwistjoni;

**B. L-Intimati:**

12.10. Illi min-naha taghhom l-intimati isosstnu li l-kundizzjonijiet tal-impjieg in dizamina kienu indikati b'mod car fis-sejha li kienet saret ghall-impjieg *de quo*;

12.11. Illi l-istess kundizzjonijiet kienu gew liberament accettati mir-rikorrenti;

12.12. Illi di piu`, is-sitwazzjoni tar-rikorrenti kienet differenti minn dik t'impjegati ohra *stante* li dawn kienu gia` jaqghu taht kategoriji ohra meta gew hekk ingaggati bhala Ufficjali tal-Imigrazzjoni u ghalhekk kienu attirati kundizzjonijiet differenti minn dawk tar-rikorrenti, (ara foll 54, 154 u 179);

12.13. Illi ghalhekk ma jirrizulta li kien hemm l-ebda distinzjoni illegitima u abbuziva bejn l-impjegati in dizamina;

12.14. Illi ghalhekk m'ghandhom jirrispondu ghal ebda danni;

Ikkunsidrat:

13. Illi permezz tal-procedura minnhom inizjata r-rikorrenti qed jitolbu lil din il-qorti biex tiddikjara li l-intimati ma imxewx b'mod konsistenti fl-applikazzjoni tar-restrizzjoni imposta fic-Cirkolari in dizamina;

14. Illi ghalhekk qed jitolbu li din tiddikjara li m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi li tipprekludi lir-rikorrenti milli javvanzaw ghall-grad ghola minn dak 14 bhal kollegi ohra taghhom li gia` irnexxielhom jaghmlu dan;

Ikkunsidrat:

15. Illi l-kundizzjonijiet tal-impjieg tar-rikorrenti jirrizulta li hu principalment regolat mic-Cirkolari fuq riferita Numru 34/97;

16. Illi tali Cirkolari tirrizulta li tapplika kemm ghall-ewwel grupp ta' haddiema involuti, kif ukoll ghal dawk sussegwentement ingaggati wara li kienu ingaggati l-istess rikorrenti;

17. Illi r-rikorrenti isosstnu li meta ssuperaw l-iskala 14 ma thallewx aktar jaghmlu xoghol t'Ufficjali tal-Imigrazzjoni, filwaqt li haddiema li kienu ingaggati warajhom biex jaghmlu l-istess xoghol u qabbzu l-iskala in dizamina thallew fl-istess kariga b'paga allura, ta' skala ghola;

Ikkunsidrat:

18. Illi biex jigi stabbilit jekk verament kienx hemm id-diskriminazzjoni allegata mir-rikorrenti wiehed ghandu jezamina jekk impjegati fl-istess sitwazzjoni gewx trattati b'mod differenti;

19. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Francis Paris et vs. Anthony Agius et***, datata s-***7 t'Ottubru, 2004***, li rriteniet is-segwenti:

> "Fil-kuntest ta' diskriminazzjoni hu risaput illi dak li jrid jigi ppruvat huwa illi l-allegat trattament kien differenti minn dak li nghata lil persuni ohra li kienu tal-istess deskrizzjoni taghhom. Il-paragun li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l-bazi tar-reklam ta' diskriminazzjoni "timporta zewg elementi, u cioe`, li l-lanjant ma giex ittrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanza (*in pari conditione*) gie jew kien gie ttrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi ma giex. Fi kliem iehor irid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta' cirkostanzi pari...";

> "Ghalhekk, ikun hemm diskriminazzjoni meta l-kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoni ugwali jigu trattati b'mod differenti u ma jkunx hemm bazi oggettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti";

Ikkunsidrat:

20. Illi ghandu jkun pacifiku li fil-kazijiet ta' allegata diskriminazzjoni, il-piz tal-prova ta' tali allegazzjoni tinkombi fuq min jallegha;

21. Illi ghalhekk, fil-kaz hawn in dizamina jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprovaw li huma gew trattati b'mod negattivament diskriminatorju meta pparagunati ma haddiema ohra fl-istess sitwazzjoni identika taghhom;

Ikkunsidrat:

22. Illi jirrizulta assodat li l-Ufficjali tal-Imigrazzjoni li gew impjegati wara r-rikorrenti kienu f'sitwazzjoni differenti minn dik tar-rikorrenti;

23. Illi z-zewg gruppi in dizamina kienu jappartjenu ghall-kategorji separati;

24. Illi konsegwentement l-impjieg taz-zewg gruppi kien regolat minn kundizzjonijiet differenti;

25. Illi kif spjegat mid-Direttur tad-Direttorat tar-*Resourcing* fl-Ufficju tar-Rizorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, (ara foll 142), min mill-haddiema *de quo* kellu grad permanenti – bhal ma hu l-kaz tar-rikorrenti – kien specifikatament, prekluz mic-Cirkolari in kwistjoni milli ikun fi skala ghola minn dik ta' Skala 14, (ara foll 189);

26. Illi ghalhekk ir-rikorrenti qed jipparagunaw is-sitwazzjoni partikolari taghhom ma haddiema li ma kienux ingaggati bil-kundizzjonijiet specifici li bih kienu ingaggati l-istess rikorrenti;

27. Illi ghalhekk ma jistax jinghad li jirrizulta li kien hemm persuni f'sitwazzjonijiet ugwali li gew ittrattati b'mod differenti;

28. Illi li jirrizulta minflok hu li haddiema f'sitwazzjonijiet differenti gew trattati b'mod differenti;

29.0. Illi mid-depozizzjoni tal-*Principal* risponsabbli mis-Sezzjoni tar-Rizorsi Umani, (ara foll 154), jirrizulta sintetikament is-segwenti:

29.1. Illi l-ewwel Ufficcjali tal-Imigrazzjoni pajzana li dahhlu jahdmu mal-Korp tal-Pulizija kien fit-13 ta' Jannar, 1998, wara sejha appozita interna fis-settur pubbliku permezz tac-Cirkolari fuq riferita 34/97;

29.2. Illi l-impjegati li rrispondew ghall-istess gew maghzula minn diversi setturi tas-servizz pubbliku;

29.3. Illi r-rikorrenti jappartjenu ghal din il-kategorija specifika;

29.4. Illi fost il-kundizzjonijiet li kienu jirregolaw l-impjieg tal-istess kien hemm il-klawsola numru 6 fuq riferita li tispecifika li meta Ufficcjal tal-Imigrazzjoni jaqbez is-salarju ta' Skala 14 il-Gvern ikollu dritt jittrasferieh skont l-esigenzi tas-servizz;

29.5. Illi effettivament permezz tas-sejha in dizamina gew ingaggati hamsa u sebghin, (75), ufficcjal, izda illum baqa' wiehed u hamsin, (51);

29.6. Illi *ai termini* tal-klawsola *de quo* l-Ufficcjali tal-Imigrazzjoni li qabzu s-salarju ta' Skala 14 huma obbligati li jaghmlu wkoll xoghol amministrattiv addizzjonali, (ara foll 6, 38 u 158);

29.7. Illi jirrizulta li r-rikorrenti ma qabzux is-salarju tal-Iskala 14, u ghalhekk ma inghatawx xoghol amministrattiv addizzjonali kif mahsub fl-imsemmija klawsola;

Ikkunsidrat:

30.0. Illi l-istess *Principal* ikompli jispjega s-segwenti; (ara foll 179):

30.1. Illi l-Ufficcjali tal-Imigrazzjoni l-ohra li minnhom jilmentaw ir-rikorrenti ghandhom ftehim settorjali differenti minn dak tar-rikorrenti;

30.2. Illi skont dan il-ftehim jirrizulta li dawn huma obbligati jaghmlu xoghol amministrattiv addizzjonali;

Ikkunsidrat:

31. Illi in vista tal-premess, l-allegazzjoni tar-rikorrenti li huma qed jigu trattati b'mod differenti minn impjegati ohra tal-istess kategorija, ma tirrizultax suffragata mill-fatti;

32. Illi konsegwentement, it-trattament differenti hu relattiv ghall-kategoriji ta' haddiema differenti u konsegwentement ghandu ghan legittimu;

Ikkunsidrat:

33. Illi konsegwentement, fil-limiti indikati aktar 'l quddiem, it-tielet risposta guramentata tal-intimati ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

34. Illi di piu`, l-istess ufficcjal inkarigat mill-pajzani fi hdan il-Korp tal-Pulizija, (ara foll 125), isosstni li skont ic-Cirkolari in dizamina ma kienx indikat li l-impjegati li jilhqu l-Iskola 14 kellhom bilfors bhala konsegwenza, "itiru" mid-dipartiment tal-imigrazzjoni, (ara foll 126);

35. Illi s-sitwazzjoni in dizamina kienet dipendenti mill-kundizzjoni specifikament elenkata fl-istess Cirkolari li din kienet tiskatta biss "fl-esigenzi tas-servizz", (ara foll 126);

36. Illi in effetti l-istess klawsola numru 6 tac-Cirkolari in dizamina tispecifika li l-ufficcjali *de quo* jistghu jitnehhew mid-doveri li ghandhom bhala Ufficcjali tal-Imigrazzjoni "fid-diskrezzjoni unika tal-Gvern" u jistghu ghalhekk jigu trasferiti ma kwalunkwe Dipartiment Governattiv iehor, ghalkemm fl-istess grad sostantiv, (ara foll 6, 38 u 158);

37. Illi f'dawn ic-cirkostanzi tali trasferiment isir fl-interess tal-esigenzi tas-servizz;

38. Illi konsegwentement jirrizulta assodat li t-trattament li r-rikorrenti qeghdin jilmentaw minnhu effettivament hu ibbazat fuq ragunijiet xierqa u pubblikament stabbiliti fl-imsemmija Cirkolari u ghalhekk, ma jirrizultax li huma illeciti kif minnhom allegat;

39. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell***, fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs. Prim Ministru et***, datata ***s-16 ta' Novembru, 2004*** li tghid is-segwenti:

“Ma hemmx dubbju li l-Kap ta' Dipartiment huwa l-persuna responsabbli, u l-aktar persuna *idonea,* sabiex tiddetermina x'inhuma l-esigenzi tas-servizz fid-dipartiment tieghu, u li l-qrati ma ghandhomx, u ma jistghux, jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom ghal dik tal-Kap tad-Dipartiment dwar il-mertu ta' x'jirrikjedu l-esigenzi tas-servizz;

“Kap ta' Dipartiment ma ghandux diskrezzjoni illimitata sabiex jiddetermina x'inhuma l-esigenzi tas-servizz u l-mizuri li ghandhom jittiehdu sabiex dawn jigu sodisfatti, fis-sens li ma jistax juza din id-diskrezzjoni b'mod abbuziv u illegali. Kieku kien mod iehor ikun ifisser li Kap ta' Dipartment isir entita` 'l fuq mil-ligi – sitwazzjoni li mhix accettabbli fis-sistema kostituzzjonali taghna mibnija fuq il-principju tar-*Rule of Law*”;

Ikkunsidrat:

40. Illi minn analizi tan-numru ta' Ufficcjali tal-Imigrazzjoni li ghadhom impjegati fl-imsemmija kariga jirrizulta li mhux ghaqli ghat-tmexxija tajba tas-servizz civili li jsiru trasferimenti ulterjuri mid-dipartiment in dizamina, (ara foll 155 u paragrafu numru sitta u ghoxrin punt hamsa, (26.5.), aktar qabel;

41. Illi l-iskop ta' tali konkluzjoni mhux li b'xi mod jigu stultifikati l-aspirazzjonijiet tar-rikorrenti izda li jkun assikurat li jkun hemm numru adegwatament sufficjenti li jippermetti li l-istess Dipartiment jithaddem b'efficjenza u ma jippermettix li l-istess Dipartiment jigi zvuotat mir-rizorsi umani li jkunu jistghu jmexxuh fl-interess tas-socjeta`;

Ikkunsidrat:

42. Illi konsegwentement ghandu wkoll ikun pacifiku li l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tad-dipartiment in dizamina tirrizulta li giet ezercitata b'mod sewwa u xieraq fl-interessi tal-esigenzi veri tas-servizz, u ma tirrizultax li giet uzata bhala paraventu biex tahbi skopijiet u interessi li jistghu jkunu nefasti jew partiggjani;

Ikkunsidrat:

43. Illi r-rikorrenti jallegaw finalment ukoll li minhabba f'hekk, huma qed jircievu paga anqas minn dawk l-Ufficcjali tal-Immigrazzjoni li huma fi skala ghola minn taghhom;

44. Illi l-istess rikorrenti isosstnu wkoll li *di piu`*, kontra l-Ufficcjali l-ohra, huma prekluzi milli jaghmlu xoghol amministrattiv *oltre* x-xoghol t'ufficcjali tal-imigrazzjoni;

Ikkunsidrat:

45. Illi fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-istess *Principal* fuq riferit, (ara foll 154), isosstni s-segwenti:

> "Madanakollu, dawk l-ufficcjali tal-imigrazzjoni li qabzu s-salarju tal-iskala 14 skont il-ftehim settorjali rispettiv taghhom, li fil-prezent huma ghaxra (10), huma obbligati li jaghmlu wkoll xoghol amministrattiv addizzjonali, apparti d-dmirijiet taghhom kif indikati fl-imsemmija sejha. Dan ix-xoghol addizzjonali hu relatat mal-iskala taghhom u dan kif jirrizulta mis-sezzjoni 1.1. 11.1. tal-*Public Service Management Code*, (P.S.M.C.). Ghandi nghid ukoll, li peress li t-tliet rikorrenti ma qabbzux is-salarju fl-iskala 14, ma inghatawx xoghol amministrattiv addizzjonali", (ara foll 155);

46. Illi jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-istess *Principal* aktar tard li l-istess Kummissarju tal-Pulizija kien ukoll ta' struzzjonijiet biex dawk l-impjegati kkoncernati li kienu jaqbzu l-Iskala 14 kellhom jinghataw ukoll xoghol amministrattiv addizzjonali, ovvjament relatat mas-servizz pubbliku u fit-termini tar-regoli tal-*Public Service Management Code*, (ara foll 181);

47. Illi konsegwentement, iz-zieda fil-paga li tirrizulta bejn iz-zewg gruppi t'Ufficcjali tal-Imigrazzjoni tirrizulta koncettwalment u impreditorjalment gustifikata *stante* li dan il-grupp specifiku li r-rikorrenti ma jiffurmawx parti minnhu, inghata xoghol aggiuntiv oltre x-xoghol normali rigwardanti l-imigrazzjoni;

Ikkunsidrat:

48.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma irnexxilhomx jippruvaw it-talbiet taghhom, u konsegwentement:

**DECIDE:**

48.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

48.2. Takkolji r-risposti kollha tal-intimati;

48.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**